MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 183/2012

**Terracore Limited (C-32227)**

**Vs**

**Marinelli Costruzzioni S.P.A. (OC-537)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata lill-istess socjeta attrici thallasha s-somma ta’ hamest elef, disa’ mija erbgha u disghin Euro u erbghin centezmu (€5,994.40) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta rikorrenti favur is-socjeta’ intimata u dana fuq inkarigu tas-socjetà konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata s-7 ta’ Mejju, 2012 u tal-mandat ta’ sekwestru nru 1322/12 u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8%)

kkalkolati mit-18 t’April, 2012 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 11 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 15 ibid, is-socjetà konvenuta giet notifikata skont il-ligi, bl-avviz in esami.

Illi cjononostante, l-istess socjeta konvenuta la dehret fis-seduta tallum, sabiex tikkontesta t-talba attrici, la pprezentat nota tal-eccezzjonijiet jew risposta bil-miktub, sabiex turi li qed tikkontesta l-istess talba u r-raguni jew ragunijiet ghal din il-kontestazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta’ attrici u in rapprezentanza taghha, waqt is-seduta tallum stess, gie prodott Alfred Scerri li kkonferma, taht gurament, il-kontenut tal-avviz promotur u li l-ammont mitlub, kif rizultanti mid-dokumenti hawn fuq imsemmija kien ghadu dovut sallum stess.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, dak mitlub mis-socjeta’ attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna is-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ hamest elef, disa’ mija u erbgha u disghin ewro, erbghin centezmu (€5,994.40) bl-imghax legali bit-8% fis-sena mit-18 t’April, 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Mejju, 2012 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1322/12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------